MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2006

Numru 603/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**

**VS**

**KEVIN CUTAJAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kevin Cutajar, ta' 28 sena, bin Anthony u Mary Grace nee' Mizzi, imwieled tal-Pieta' nhar is-6 ta' Ottubru, 1977, residenti fil-fond numru 6, Entrance B, Triq l-Ajkla, Bormla, u/jew Liljana Apartments, Block B, Triq Julju, Qawra, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 490777 (M);

Akkuzat talli nhar l-20 ta' Gunju, 2006, ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (1500hrs), gewwa Truq Gulju, San Pawl il-Bahar:

a) Kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) U aktar talli kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkonstanzi, fil-hin li kien qieghed jaghmel delitt kontra l-persuna ta’ France Cassar, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari, u dan bi ksur tal-Artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;

d) U fl-ahharnett talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, hedded serjament lil France Cassar b’arma, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
L-Artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qieghada ssib lill-imsemmi mputat Kevin Cutajar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hlas ta’ multa fl-ammont ta’ mitt lira maltin (Lm100.00), li trid tithallas fi zmien hames (5) xhur, f’pagamenti ta’ ghoxrin lira maltin (Lm20.00) fix-xahar, *ai termini* tal-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* din il-Qorti tornda konfiska tal-oggetti kollha ezebiti f’din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------